MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 384/2010

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**George Clayton**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar i1-11 ta' Ottubru 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef, seba mija u tmienja u tmenin Ewro, erbghatax-il centezmu (€9,788.14) rapprezentanti servizz telefoniku, kontijiet numru 457017, 456233 u 456240 moghti mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija tal-Mellieha, u l-Kunsill Lokali tal-Mellieha fl-4 ta' Ottubru 2011, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 4 ta' Ottubru 2011 (fol 12 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-4 ta' Ottubru 2011 (fol. 25) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar il-3 ta' Ottubru 2011 (fol 24).

Illi fis-seduta tal-28 ta' Otturbu, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 28).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici disa' t'elef, seba mija u tmienja u tmenin Ewro, u erbghatax-il centezmu (€9,788.14) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------